**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2007**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**1** **PIETRU CAXARO - Minn: Ħabbew l-Ilsien Malti – Mons L. Cachia**

**Hija ħaġa magħrufa li, fil-biċċa l-kbira tal-letteraturi tad-dinja, l-ewwel bdew jiktbu l-poeżiji u mbagħad bdew il-kitba tal-proża. Dan seħħ ukoll fil-letteratura Maltija. Hija wkoll ħaġa magħrufa li l-ewwel poeżija bil-Malti li nstabet hija l-*KANTALIENA* ta' Pietru Caxaro, li nkitbet lejn it-tmiem taż-żmien imsejjaħ Medju Evu. Qabel instabet dik il-poeżija, konna nżommu bħala l-ewwel poeżija bil-Malti s-*sunett* tat-tabib Ġann Franġisk Bonamico.**

**Pietru Caxaro aktarx twieled fl-1410. Fl-1 t'April 1438, Pietru laħaq nutar wara li għamel eżami f'Palermo. Dak iż-żmien kollox kien marbut ma' Sqallija u ma' l-Italja; iżda hu laħaq nutar biex iservi f'Malta u f'Għawdex.**

**B'danakollu, jew qatt ma ħadem ta' nutar, jew l-atti tiegħu ntilfu, kif intilfu xi atti oħra bikrija. Aktar probabbli li ma ħadimx ta' nutar, għaliex kieku għamel xi kuntratti, għallanqas konna nsibu xi riferenzi għalihom għand nutari oħra.**

**Punti Ewlenin** ***(Gwida)***

- L-ewwel ma bdiet tinkiteb il-poeżija, fil-Malti wkoll.
- Il-*Kantaliena* ta' Caxaru u s-sunett ta' Bonamico.
- Meta kien jgħix Caxaro u li laħaq nutar.
- Aktarx li ma ħadimx ta' nutar.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2007**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi — MALTI — L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**2** **IT-TUT U Ċ-ĊAWSLI – minn kitba ta' Carmelo Briffa**

**It-tut u ċ-ċawsli huma żewġ siġriet li jsebbħu l-kampanja tagħna bil-ħdura tagħhom. Fl-istess ħin jagħtuna frott li għandu għamla stramba, b'riħa tfuħ u togħma mill-itjeb.**

**Nafu li t-tuta hija siġra indiġena ta' l-Asja tal-Punent, li kienet titkabbar bħala siġra tal-frott minn popli antiki bħall-Feniċi, li wisq probabbli xerrduha mal-Mediterran, kif għamlu bħalhom ukoll il-Griegi u r-Rumani.**

**Iċ-ċawsla hija introduzzjoni aktar riċenti miċ-Ċina. Fis-seklu ħmistax kienet bdiet titkabbar fl-Italja għall-weraq tagħha, li fuqu jitrabba d-dudu tal-ħarir. F'Malta ddaħħlet għall-istess għan. Kienu saru żewġ attentati biex titwaqqaf din l-industrija, darba fi żmien il-Granmastru Pinto u darb'oħra fi żmien il-ħakma Ingliża.**

**L-isem *tuta* ġej mill-Għarbi, filwaqt li *ċawsla* jew *ċawsra* tixbah il-kelma użata fi Sqallija. It-tnejn huma membri ta' l-istess familja ta' siġar, flimkien ma' siġra oħra popolari ferm f'pajjiżna, dik tat-tin.**

**Punti Ewlenin** ***(Gwida)***

- Dawn is-siġar isebbħu l-kampanja u jagħtuna l-frott.
- Minn fejn ġiet u kif tferrxet is-siġra tat-tut.
- Minn fejn ġiet u kif iddaħħlet f'Malta ċ-ċawsla.
- Mnejn ġew ismijiethom u li huma ta' l-istess razza tat-tin.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2007**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

| Il-Ħames Klassi | MALTI | L-Oral - Qari |
|---|---|---|

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**3** **Minn: IS-SENS TA' DMIR LEJN GĦAJRNA – ta' George Stevens**

**Waħda mill-kwalitajiet illi tabilħaqq jiddistingwu soċjeta` tajba hija s-sens ta' dmir illi kull membru f'din is-soċjeta` juri lejn għajru f'kull imġiba illi b'mod jew ieħor tolqot lil din is-soċjeta`.**

**Kemm huwa kbir is-sens ta' dmir lejn għajrna, fina l-Maltin, aħna li aħna Kattoliċi u li suppost aktar nagħrfu x'inhu dak li titlob minna s-soċjeta`? Ma nistaħbewx wara subgħajna. Is-sewwa ma jista' jmerih ħadd.**

**L-egoiżmu jaħkem wisq fina l-Maltin, u ħtija ta' hekk, ħafna minna neqsin wisq mis-sens ta' dmir lejn għajrna. Juruh dan fix-xejriet tagħhom, f'għemilhom, f'imġibithom. Ma tridx wisq biex tintebaħ b'dan. Biżżejjed tkun għaddej mit-toroq.**

**Fit-triq tara ħafna affarijiet li jixhdu n-nuqqas ta' sens ta' dmir ta' ħafna Maltin lejn għajrhom. It-toroq u l-wesgħat, ingħidu aħna, inħobbu ningumbrawhom wisq mingħajr ma noqogħdu nqisu li se ndejqu lil ħaddieħor.**

**Punti Ewlenin** ***(Gwida)***

- Is-sens ta' dmir lejn għajrna jiddistingwi soċjeta` tajba.
- Is-sens ta' dmir fil-Maltin.
- L-egoiżmu tal-Maltin.
- Eżempju ta' l-ingumbrar fit-toroq u l-wesgħat.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2007**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi — MALTI — L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**4** **SAN ĠILJAN U L-INĦAWI – minn kitba ta' Stanley Fiorini**

**San Ġiljan bħala post ta' divertiment kif nafuh illum hu fenomenu modern ħafna. Naraw li qabel l-1800 tista' tgħid li ma kien hawn xejn f'dawn l-inħawi għajr il-Palazz Spinola, il-knisja l-qadima, u erba' griebeġ ta' sajjieda u bdiewa mferrxin 'l hawn u 'l hinn.**

**Minkejja l-ġmiel naturali tagħhom, dawn l-inħawi ma jidhirx li kienu mfittxija ħafna dari. Il-fdalijiet li għandna huma fqar ħafna kemm fil-kwalita` kif ukoll fil-kwantita` meta nqabbluhom ma' dawk ta' mkejjen oħra fil-gżira.**

**L-ismijiet tal-postijiet huma għajn storika għanja u ta' siwi kbir għaż-Żminijiet Nofsana, l-aktar għal xi mkien bħal San Ġiljan fejn ma baqgħalna minnu xejn għajr l-art innifisha u dak li kienu jsejħulha.**

**Biex nisiltu kull ma nistgħu minn din l-għajn ta' informazzjoni u ngħarrxu 'l bogħod u lura fis-snin kemm nistgħu, forsi l-eqdem ismijiet li għandna niċċitaw huma dawk marbuta ma' l-għases tax-xtut tas-seklu ħmistax, li setgħu kienu jsejħulhom tad-Dejma.**

**Punti Ewlenin** ***(Gwida)***

- San Ġiljan illum u fl-imgħoddi.
- Fl-imgħoddi ma kienx imfittex u ftit li xejn hemm fdalijiet storiċi.
- L-ismijiet tal-postijiet huma wkoll għajn ta' storja.
- Fost l-aktar importanti hemm l-ismijiet ta' l-għases tas-seklu ħmistax.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2007**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi MALTI L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**5** **L-EWWEL ARLOĠĠI MEKKANIĊI addattat minn *The Technology of Man***

**Fis-sajf ta' l-1338 kien hemm galera li salpat minn Venezja lejn il-Lvant. Fost ħwejjeġ oħra, din il-galera kienet qed iġġorr arloġġ, aktarx arloġġ mekkaniku, li n-negozjant Giovanni Loredan kien qed jittama li jbigħ fil-belt ta' Delhi, fl-Indja. Nafu b'dan għaliex xi żmien wara, xi merkanti kienu ħadu passi bil-qorti dwar il-merkanzija li kien hemm fuq l-istess galera.**

**Ebda kittieb tal-ġrajjiet ta' dak iż-żmien ma ħalla xejn miktub fuq dan, u l-istoriċi ta' żmienna rarament isemmuha. Imma dak kien vjaġġ ta' importanza storika, għax l-Ewropa kienet bdiet tesporta makkinarju lejn l-Asja.**

**L-ewwel arloġġi mekkaniċi ma tantx kienu prototipi ta' magni ta' preċiżjoni. Fil-fatt l-arloġġi medjevali tant kienu jmorru ħażin li kienu jridu jerġgħu jiġu rregolati sikwit, bil-għajnuna ta' mezzi tradizzjonali biex jinżamm il-ħin, bħalma kienu l-meridjani, jew arloġġi tax-xemx, inkella l-klessidri, dawk l-ispeċi ta' boċoċ tal-ħġieġ bir-ramel li jinżel minn waħda għall-oħra.**

**Punti Ewlenin** ***(Gwida)***

- Negozjant Venezjan jieħu arloġġ biex ibigħu fl-Indja.
- Kienet ġrajja importanti għax l-Ewropa bdiet tesporta makkinarju lejn l-Asja.
- L-ewwel arloġġi mekkaniċi ma tantx kienu jaħdmu tajjeb.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2007**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**6** **ĠELATI! ĠELATI! Minn kitba ta' Charles Clews**

**Illum, meta ssib kull kwalita` ta' ġelat, jew *ice cream* biex niftiehmu aħjar, ftit nagħtu kas li dan ġie miċ-Ċina mill-perijodu Lang. Kien Marco Polo li ġabu fl-Ewropa, f'Venezja biex inkunu eżatti, fl-1292. Wara kollox, bħalma ġew l-ispagetti, il-logħob tan-nar u tant affarijiet oħra.**

**Iżda l-idea u l-ħtieġa ta' xi ħelu, deżerta kiesħa u rinfreskanti, ilha ħafna. L-Imperatur Ruman Neruni kien iħobb ġelat magħmul minn borra mħallta ma' l-għasel, ilma żahar u termentina.**

**Niftakar kont tifel, meta xi qraba tiegħi li kienu l-Ingilterra kienu ġew iżuruna. Wara li qalu kemm kellhom kesħa, fl-istess nifs qalu li fit-*talkies* jew *cinema* kienu jieħdu ġelat fl-intervall. Kont bqajt skantat, għax ma fhimtx.**

**Meta kont tifel ukoll, kont nara li meta nieħu xi gidma żejda minn ġelat, bilġri kont inħoss uġigħ f'rasi. Issa sirt naf li dan jiġri għax ikollok snien sensittivi. Illum moħħi mistrieħ li m'iniex se nħoss uġigħ f'rasi iżjed.**

**Punti Ewlenin (Gwida)**

- Il-ġelat inġab miċ-Ċina minn Marco Polo, imnejn ġew ukoll l-ispagetti u l-logħob tan-nar.
- Il-ġelati kienu jeżistu fi żmien ir-Rumani.
- L-awtur ma fehemx kif l-Ingilterra, fil-ksieħ, jieħdu l-ġelat ukoll.
- Meta kien tifel, il-ġelat kien iweġġagħlu snienu, iżda llum (li xjaħ) m'għadux.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2007**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi | MALTI | L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-istudenti)

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**1** **PIETRU CAXARO - Minn: Ħabbew l-Ilsien Malti – Mons L. Cachia**

**Hija ħaġa magħrufa li, fil-biċċa l-kbira tal-letteraturi tad-dinja, l-ewwel bdew jiktbu l-poeżiji u mbagħad bdew il-kitba tal-proża. Dan seħħ ukoll fil-letteratura Maltija. Hija wkoll ħaġa magħrufa li l-ewwel poeżija bil-Malti li nstabet hija l-*KANTALIENA* ta' Pietru Caxaro, li nkitbet lejn it-tmiem taż-żmien imsejjaħ Medju Evu. Qabel instabet dik il-poeżija, konna nżommu bħala l-ewwel poeżija bil-Malti s-*sunett* tat-tabib Ġann Franġisk Bonamico.**

**Pietru Caxaro aktarx twieled fl-1410. Fl-1 t'April 1438, Pietru laħaq nutar wara li għamel eżami f'Palermo. Dak iż-żmien kollox kien marbut ma' Sqallija u ma' l-Italja; iżda hu laħaq nutar biex iservi f'Malta u f'Għawdex.**

**B'danakollu, jew qatt ma ħadem ta' nutar, jew l-atti tiegħu ntilfu, kif intilfu xi atti oħra bikrija. Aktar probabbli li ma ħadimx ta' nutar, għaliex kieku għamel xi kuntratti, għallanqas konna nsibu xi riferenzi għalihom għand nutari oħra.**

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2007**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi | MALTI | L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Istudenti)

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**2** **IT-TUT U Ċ-ĊAWSLI – minn kitba ta' Carmelo Briffa**

**It-tut u ċ-ċawsli huma żewġ siġriet li jsebbħu l-kampanja tagħna bil-ħdura tagħhom. Fl-istess ħin jagħtuna frott li għandu għamla stramba, b'riħa tfuħ u togħma mill-itjeb.**

**Nafu li t-tuta hija siġra indiġena ta' l-Asja tal-Punent, li kienet titkabbar bħala siġra tal-frott minn popli antiki bħall-Feniċi, li wisq probabbli xerrduha mal-Mediterran, kif għamlu bħalhom ukoll il-Griegi u r-Rumani.**

**Iċ-ċawsla hija introduzzjoni aktar riċenti miċ-Ċina. Fis-seklu ħmistax kienet bdiet titkabbar fl-Italja għall-weraq tagħha, li fuqu jitrabba d-dudu tal-ħarir. F'Malta ddaħħlet għall-istess għan. Kienu saru żewġ attentati biex titwaqqaf din l-industrija, darba fi żmien il-Granmastru Pinto u darb'oħra fi żmien il-ħakma Ingliża.**

**L-isem *tuta* ġej mill-Għarbi, filwaqt li *ċawsla* jew *ċawsra* tixbah il-kelma użata fi Sqallija. It-tnejn huma membri ta' l-istess familja ta' siġar, flimkien ma' siġra oħra popolari ferm f'pajjiżna, dik tat-tin.**

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2007**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi — MALTI — L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Istudenti)

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**3** **Minn: IS-SENS TA' DMIR LEJN GĦAJRNA – ta' George Stevens**

**Waħda mill-kwalitajiet illi tabilħaqq jiddistingwu soċjeta` tajba hija s-sens ta' dmir illi kull membru f'din is-soċjeta` juri lejn għajru f'kull imġiba illi b'mod jew ieħor tolqot lil din is-soċjeta`.**

**Kemm huwa kbir is-sens ta' dmir lejn għajrna, fina l-Maltin, aħna li aħna Kattoliċi u li suppost aktar nagħrfu x'inhu dak li titlob minna s-soċjeta`? Ma nistaħbewx wara subgħajna. Is-sewwa ma jista' jmerih ħadd.**

**L-egoiżmu jaħkem wisq fina l-Maltin, u ħtija ta' hekk, ħafna minna neqsin wisq mis-sens ta' dmir lejn għajrna. Juruh dan fix-xejriet tagħhom, f'għemilhom, f'imġibithom. Ma tridx wisq biex tintebaħ b'dan. Biżżejjed tkun għaddej mit-toroq.**

**Fit-triq tara ħafna affarijiet li jixhdu n-nuqqas ta' sens ta' dmir ta' ħafna Maltin lejn għajrhom. It-toroq u l-wesgħat, ingħidu aħna, inħobbu ningumbrawhom wisq mingħajr ma noqogħdu nqisu li se ndejqu lil ħaddieħor.**

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2007**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Istudenti)

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**4** **SAN ĠILJAN U L-INĦAWI – minn kitba ta' Stanley Fiorini**

**San Ġiljan bħala post ta' divertiment kif nafuh illum hu fenomenu modern ħafna. Naraw li qabel l-1800 tista' tgħid li ma kien hawn xejn f'dawn l-inħawi għajr il-Palazz Spinola, il-knisja l-qadima, u erba' griebeġ ta' sajjieda u bdiewa mferrxin 'l hawn u 'l hinn.**

**Minkejja l-ġmiel naturali tagħhom, dawn l-inħawi ma jidhirx li kienu mfittxija ħafna dari. Il-fdalijiet li għandna huma fqar ħafna kemm fil-kwalita` kif ukoll fil-kwantita` meta nqabbluhom ma' dawk ta' mkejjen oħra fil-gżira.**

**L-ismijiet tal-postijiet huma għajn storika għanja u ta' siwi kbir għaż-Żminijiet Nofsana, l-aktar għal xi mkien bħal San Ġiljan fejn ma baqgħalna minnu xejn għajr l-art innifisha u dak li kienu jsejħulha.**

**Biex nisiltu kull ma nistgħu minn din l-għajn ta' informazzjoni u ngħarrxu 'l bogħod u lura fis-snin kemm nistgħu, forsi l-eqdem ismijiet li għandna niċċitaw huma dawk marbuta ma' l-għases tax-xtut tas-seklu ħmistax, li setgħu kienu jsejħulhom tad-Dejma.**

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2007**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi — MALTI — L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Istudenti)

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**5** **L-EWWEL ARLOĠĠI MEKKANIĊI addattat minn *The Technology of Man***

**Fis-sajf ta' l-1338 kien hemm galera li salpat minn Venezja lejn il-Lvant. Fost ħwejjeġ oħra, din il-galera kienet qed iġġorr arloġġ, aktarx arloġġ mekkaniku, li n-negozjant Giovanni Loredan kien qed jittama li jbigħ fil-belt ta' Delhi, fl-Indja. Nafu b'dan għaliex xi żmien wara, xi merkanti kienu ħadu passi bil-qorti dwar il-merkanzija li kien hemm fuq l-istess galera.**

**Ebda kittieb tal-ġrajjiet ta' dak iż-żmien ma ħalla xejn miktub fuq dan, u l-istoriċi ta' żmienna rarament isemmuha. Imma dak kien vjaġġ ta' importanza storika, għax l-Ewropa kienet bdiet tesporta makkinarju lejn l-Asja.**

**L-ewwel arloġġi mekkaniċi ma tantx kienu prototipi ta' magni ta' preċiżjoni. Fil-fatt l-arloġġi medjevali tant kienu jmorru ħażin li kienu jridu jerġgħu jiġu rregolati sikwit, bil-għajnuna ta' mezzi tradizzjonali biex jinżamm il-ħin, bħalma kienu l-meridjani, jew arloġġi tax-xemx, inkella l-klessidri, dawk l-ispeċi ta' boċoċ tal-ħġieġ bir-ramel li jinżel minn waħda għall-oħra.**

.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2007**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi — MALTI — L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Istudenti)

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**6** **ĠELATI! ĠELATI! Minn kitba ta' Charles Clews**

**Illum, meta ssib kull kwalita` ta' ġelat, jew *ice cream* biex niftiehmu aħjar, ftit nagħtu kas li dan ġie miċ-Ċina mill-perijodu Lang. Kien Marco Polo li ġabu fl-Ewropa, f'Venezja biex inkunu eżatti, fl-1292. Wara kollox, bħalma ġew l-ispagetti, il-logħob tan-nar u tant affarijiet oħra.**

**Iżda l-idea u l-ħtieġa ta' xi ħelu, deżerta kiesħa u rinfreskanti, ilha ħafna. L-Imperatur Ruman Neruni kien iħobb ġelat magħmul minn borra mħallta ma' l-għasel, ilma żahar u termentina.**

**Niftakar kont tifel, meta xi qraba tiegħi li kienu l-Ingilterra kienu ġew iżuruna. Wara li qalu kemm kellhom kesħa, fl-istess nifs qalu li fit-*talkies* jew *cinema* kienu jieħdu ġelat fl-intervall. Kont bqajt skantat, għax ma fhimtx.**

**Meta kont tifel ukoll, kont nara li meta nieħu xi gidma żejda minn ġelat, bilġri kont inħoss uġigħ f'rasi. Issa sirt naf li dan jiġri għax ikollok snien sensittivi. Illum moħħi mistrieħ li m'iniex se nħoss uġigħ f'rasi iżjed.**

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2007**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi | MALTI | L-Oral - Taħdita**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

***Dawn li ġejjin mhumiex "il-mistoqsijiet" li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għad-diskussjoni. Għalhekk l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess skop.***

**(6 marki: 2 marki għat-tagħrif, 2 marki għall-għarfien, 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti)**

**IL-KULTURA: ASPETTI FOLKLORISTIĊI**

- Mit-tiftix u l-istudju li għamilt għid x'tifhem jew x'inhu għalik il-folklor, b'mod ġenerali.
- Semmi xi eżempji ta' attivitajiet, drawwiet u l-bqija li jitqiesu parti mill-folklor tal-gżejjer tagħna.
- Taħseb li fi żmienna llum għad hawn aspetti folkloristiċi li għadhom ħajjin f'pajjiżna?

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2007**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

| Il-Ħames Klassi | MALTI | L-Oral - Taħdita |
|---|---|---|

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

***Dawn li ġejjin mhumiex "il-mistoqsijiet" li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għad-diskussjoni. Għalhekk l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess skop.***

**(6 marki: 2 marki għat-tagħrif, 2 marki għall-għarfien, 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti)**

**IL-KULTURA: ASPETTI TA' ŻMIENNA**

- Meta tisma' l-kelmiet Kultura Maltija, x'tifhem bihom illum?
- Tara xejn differenzi bejn il-mod ta' ħajja tal-Maltin ta' llum meta mqabbla ma' dik ta' xi żmien ilu: fix-xogħol, fid-djar, fid-divertiment, fl-ilbies…? Agħti eżempji.
- Jekk inti dilettant tal-mużika, ta' l-arti, jew inkella ta' l-isport, x'taf tgħid fuq xi ħaġa minn dawn f'Malta ta' żmienna? Jekk trid tista' tqabbel ma' dak li studjajt jew qrajt dwar dawn l-oqsma Maltin fl-imgħoddi.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2007**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

| Il-Ħames Klassi | MALTI | L-Oral - Taħdita |
|---|---|---|

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

***Dawn li ġejjin mhumiex "il-mistoqsijiet" li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għad-diskussjoni. Għalhekk l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess skop.***

**(6 marki: 2 marki għat-tagħrif, 2 marki għall-għarfien, 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti)**

**LINGWA: ASPETTI STORIĊI U TA' ŻMIENNA**

- X'tip ta' lingwa hu l-Malti li nitkellmu llum, u kif inhuwa ffurmat?
- Taħseb li qed ikun hemm influwenzi negattivi, inkella pożittivi, fuq il-lingwa Maltija mill-mezzi ta' komunikazzjoni ta' żmienna u minn dawk in-nies li jidhru, jinstemgħu jew jiktbu fuqhom? Għid għaliex.
- Fl-ilsien Malti fi żmienna, xejriet ġodda ta' ħajja u aspetti oħra, bħat-teknoloġija ta' l-informatika jew l-isport, qed inisslu kliem ġdid fil-lingwa. X'taf tgħid fuq dan l-argument, u agħti eżempji.
- Taħseb li fi żmienna, il-Maltin jistgħu jgħaddu bla ma jkunu jafu xi lingwa oħra barra l-Malti? Agħti eżempji u semmi argumenti.